*Kontribuzzjoni tax-Xirka għall-Ġustizzja Soċjali fis-Seminar organiżżat mix-X.G.S. dwar "Ir-Riformi fl-Edukazzjoni Terzjarja li nżamm fl-Universita nhar it-2, 3, u 4 ta' Diċembru 1977.*
*Taħdita li għamilha Pawlu Gauci President Xirka Għall-Ġustizzja Soċjali.*

# L-EDUKAZZJONI U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI

## INTRODUZZJONI

SABIEX wieħed ikun jista' jitkellem fuq l-Edukazzjoni Terzjarja wieħed irid jaraha fil-kuntest sħiħ tagħha, kemm vis-à-vis il-preparazzjoni li ssir qabel (i.e. Edukazzjoni Primarja u Sekondarja) u kemm vis-à-vis l-ordni soċjali. Fil-fatt dawn huma inseparabbli. F'din it-taħdita se niddiskutu is-sehem tal-edukazzjoni f'soċjetà klassista, jiġifieri fejn teżisti klassi li tiddomina fuq oħra, kemm ekonomikament, permezz tal-pussess tal-mezzi tal-produzzjoni mill-klassi dominanti, kemm (jew) politikament permezz tal-kontroll fuq makkinarji bħal l-Istat u Istituzzjonijiet oħra, u kemm (jew) idejoloġikament permezz tat-tkattir ta' kultura li tippropaga s-sistema. Għalhekk qabel ma nitkellmu speċifikament fuq l-Edukazzjoni Terzjarja irridu neżaminaw ir-"role" li taqdi sistema edukattiva f'soċjetà klassista u wara naraw ir-"role" speċifiku tal-Istituzzjonijiet Terzjarji f'dan il-kuntest. Ser neżaminaw dawn iż-żewġ punti li ġejjin:

I. li s-sistema edukattiva f'soċjetà klassista isservi bħala mod ta' selezzjoni soċjali billi:

(i) tipproduċi rekluti ġodda u forsi aktar effiċjenti għall-ħtiġijiet tas-sistema dominanti jiġifieri tipproduċi "unskilled labourers", "skilled labourers", Inġinieri, "Managers", tobba, eċċ.

(ii) tiżviluppa dawk l-intellettwali li jiġġustifikaw is-sistema fir-"role" tagħhom bħala mexxejja idejoloġiċi, jiġifieri il-politikant, il-qassis, l-għalliem, eċċ. u dawk l-intellettwali li jamministraw is-sistema, jiġifieri il-burokratiċi tal-Istat, Managers eċċ. Irridu nagħmluha ċara li dawn il-funzjonijiet mhux neċessarjament ikunu separati (eż. il-politikant-burokratiku).

II. li s-sistema edukattiva f'soċjetà klassista isservi sabiex direttament jew indirettament, tkun mezz ta' kontroll soċjali, billi:

(i) trawwem u tindottrina l-istudent fil-mod ta' ħsieb u valuri

tal-klassi dominanti (li tista' issejjaħ "il-kultura dominanti") u b'hekk l-istudent jispiċċa bħala ċittadin "eżemplari" u jaċċetta s-sistema b'għajnejh magħluqa.

(ii) tipproduċi dawk in-nies li jeżerċitaw kontroll intellettwali fuq il-massa.

Ikun tajjeb ukoll li qabel xejn ngħidu x'wieħed għandu jifhem b'Edukazzjoni. B'Edukazzjoni m'għandniex nifhmu jekk wieħed attendiex jew kemm wieħed dam jattendi l-Iskola, iżda għandna nifhmu li dan hu proċess dinamiku li fih il-bniedem għandu jilħaq l-għan bażiku ta' awtonomija. Difatti il-kelma "Edukazzjoni" tant ħadet tifsira ta' Indottrinazzjoni u Kontroll Soċjali illi xi mexxejja progressivi, bħal Nyerere, issuġerrew li sistema edukattiva li tassew għandha l-għan li teduka għall-awtonomija, għandha tieħu isem ġdid, bħal ngħidu aħna "Ċivilizazzjoni". L-għan bażiku ta' awtonomija, għandu jkun kemm f'aspett *vokazzjonali*, (billi l-bniedem jipprepara ruħu għax-xogħol, u fl-istess ħin jitgħallem jara lilu nnifsu bħala produttur, u mhux bħala bejjiegħ tal-kapaċità tax-xogħol tiegħu), u kemm *mill-att ta' relazzjonijiet soċjali*, (billi jiżviluppa l-abiltà li jmexxi lilu nnifsu mingħajr ħtieġa ta' politikant, qassis jew għalliem li jgħidulu fost affarijiet oħra x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin.) Għalhekk nistgħu ngħidu li l-Edukazzjoni għandha tiddependi fuq l-iżvilupp tal-ħsieb fuq l-idejat.

L-idejat jiġu minn proċess ta' relazzjoni bejn l-ambjent rejali u l-individwu; l-idejat ma jeżistux bħala xi ħaġa separata mill-ambjent materjali. Biex wieħed jaħseb irid jaħseb fuq xi ħaġa ibbażata fuq esperjenzi materjali. L-ideja hi, kif qal Dewey, internalizzazzjoni tar-relazzjoni bejn il-bniedem u l-ambjent materjali. Biex l-Edukazzjoni tkun tabilħaqq għajn ta' stimulazzjoni krejattiva hemm bżonn li t-tagħlim jiġi integrat mar-rejaltà u l-istudent jingħata esperjenza ta' dak li jkun qed jiġi mgħallem. Naraw, bħala eżempju, li fis-sistema edukattiva preżenti l-iskola hi ġeneralment, akkumulazzjoni ta' fatti u mhux stimulazzjoni ta' ħsieb. Jekk għalliem jgħid lil student x'għandu jagħmel b'xi ħaġa, mingħajr ma l-istudent ikollu huwa stess l-esperjenza tal-ħaġa, l-għalliem ikun tah fatt li mhux l-istess ħaġa bħal żvilupp ta' ideja.

F'sitwazzjoni bħal din, l-iskola, għal ħafna studenti speċjalment dawk li, aktar tard ngħidu għaliex, ma jkunux laħqu livell tajjeb ta' ħsieb krejatitv, issir ħabs intelletwali, u l-għalliem il-gwardjan.

### IS-SISTEMA EDUKATTIVA F'SOCJETA KLASSISTA U L-PROPOGAZZJONI TAL-ININGWALJANZI SOCJALI

Waħda mill-aktar ġlidiet importanti li l-istudent universitarju

malti għamel f'dawn l-aħħar snin, kienet favur għajnuna finanzjarja għal studenti li ġejjin minn familji finanzjarjament batuti. L-għaqda li jien nirrapreżenta (Ix-X.G.S.) ħadet sehem ukoll f'din il-ġlieda, għalkemm għamlitha ċara li l-għotja tal-"grants" mhix ser issolvi l-problema ta' nuqqas ta' demokratiżżazjoni fl-edukazzjoni, għalkemm aħna nħossu li hemm bosta elementi pożittivi f'sistema ta' għajnuna finanzjarja lill-istudenti foqra. Il-problema tad-demokratiżżazjoni tal-Edukazzjoni trid tħares lejha aktar fil-fond, għaliex tfal li ġejjin mill-klassi tal-ħaddiema, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ikunu ddestinati minn ċkunithom, biex ma jaslux għall-edukazzjoni Terzjarja. Dan għaliex is-sistema ekonomika dominanti li teżisti bħalissa ma teħtieġx u ma tippermettix demokratiżżazjoni tal-edukazzjoni.

Għalhekk, l-ewwelnett, aħjar niddentifikaw u naraw fil-qosor x'inhi is-sistema ekonomika dominanti bħalissa, u r-"role" li jservu l-klassijiet soċjali fiha. Bħalissa s-sistema ekonomika dominanti f'Malta hi dik kapitalista, fejn il-mezzi tal-produzzjoni huma l-propjetà ta' ftit individwi, kemm Maltin, kif ukoll barranin, l-Istat, u xi korporazzjonijiet transazzjonali. Irridu noqgħodu attenti, imma, li ma naqgħux fin-nasba li nqabblu lil Malta ma' pajjiżi industrijalizzati bħall-Istati Uniti u l-Ġermanja tal-Punent, għar-raġuni li dawn qegħdin fiċ-ċentru, u Malta fil-periferija tal-kapitaliżmu internazzjonali u xi raġunijiet oħra li mhux lok niddiskutuhom f'din it-taħdita. Tliet karatteristiċi tal-kapitaliżmu huma l-kompetizzjoni, ix-xogħol għal paga (wage-labour) u l-profitt. Naraw li l-profitt, kif skoprew ħafna ekonomisti magħrufa, ġej mill-fatt li l-ħaddiem – (il-produttur dirett) – ibiegħ il-kapaċità tax-xogħol tiegħu lil min iħaddem u li l-valur tal-prodott jiddependi mill-ammont ta' kapaċità tax-xogħol li jkun ikkristallizzat fil-prodott. Minn dak il-valur li l-ħaddiem ikun ikkontribwixxa għall-produzzjoni, huwa jieħu persentaġġ żgħir, fil-forma, ġeneralment, tal-minimum wage. L-ammont tal-minimum wage, mhux neċessarjament li jkun eżattament subsistence wage, għax dan jiddependi wkoll mis-saħħa tal-muviment tal-ħaddiema bħal Trade Unions u Partiti Politiċi, f'ċirkostanzi u f'pajjiżi speċifiċi u bosta raġunijiet oħra. Il-persentaġġ tal-valur tal-produzzjoni li jifdal imur parti bħala ħlas għal kapital maħruġ mis-sid jew sidien, parti jiġi approprjat mis-sid jew sidien għall-konsum personali tagħhom u biex jiġi akkumulat aktar kapital. Naraw għalhekk li l-ħaddiem – (il-produttur dirett) – huwa biex ngħidu hekk is-sinsla tal-kapitaliżmu, fis-sens li biex jinħolqu l-profitti irid ikun hemm dan it-tip ta' ħaddiem.

Sabiex il-pagi ta' dawn il-ħaddiema jinżammu fl-aktar livell

baxx li huwa possibli, u fl-istess ħin is-sistema kapitalista tibqa' miexja mingħajr ma tkun imxekkla, jinħass il-bżonn li jkun hemm numru ta' nies, aktar milli jkun meħtieġ, dejjem lesti li jbiegħu il-kapaċità tax-xogħol. Hemm bżonn ukoll riproduzzjoni kontinwa ta' din il-kapaċità tax-xogħol sabiex ikun hemm sostituti lesti jieħdu post dawk il-ħaddiema li jirtiraw jew imutu. Barra minn hekk, dawn il-ħaddiema jkun hemm bżonn li jiġu kkontrollati, kemm politikament permezz tal-Istat, il-Pulizija eċċ. u kemm ideoloġikament permezz ta' tkattir tal-kultura burġiża.

Minn hawn nistgħu naraw kif eżattament is-sistema edukattiva taqdi d-dmir tagħha f'soċjetà klassista billi ssaħħaħ l-eżistenza tal-klassijiet soċjali. Dan tagħmlu l-ewwelnett, billi fiha nnifisha toħloq is-separazzjoni eżistenti fl-ordni soċjali bejn ix-xogħol mentali u xogħol manwali, u l-"Istatus" li hu marbut magħhom. Ix-xogħol manwali nistgħu niddiskrivuh bħala nuqqas tax-xogħol mentali. Fis-sistema edukattiva, permezz ta' "streaming", eżamijiet u xi metodi oħra, it-tfal, sa minn ċkunithom, jiġu ddestinati biex meta jikbru jagħmlu jew xogħol manwali jew xogħol mentali, naturalment ikun hemm xi eċċezzjonijiet. B'dan il-mod, l-iskola sservi bħala mezz ta' selezzjoni soċjali u bħala mezz ta' riproduzzjoni tal-kapaċità tax-xogħol. Jekk wieħed juri li hu tajjeb, jibqa' tiela' fis-sellum tas-soċjetà, u jekk le, għal ġol-fabbrika jew l-għalqa.

Iżda minn hawn irridu mmorru pass ieħor,u naraw minn fejn jiġu ttimbrati bħala injoranti, u mġiegħla jaċċettaw li huma injoranti. Ħafna edukaturi indunaw li ħafna minn dawk ittimbrati bħala injoranti ġejjin mill-aktar strata baxxa tal-klassi tal-ħaddiema u li l-maġġoranza ta' dawk li jimexxu ġejjin mill-klassijiet tan-nofs. Ħafna tejoristi li jridu jiġġustifikaw is-sistema kompetittiva isostnu li din-nuqqas ta' intelliġenza hi ħaġa ġenetika, jew saħansitra mibgħuta minn Alla. Għalhekk, skond dawn l-argumenti, il-klassi soċjali hija ħaġa soċjali wkoll, u b'hekk din is-sistema kompetittiva hija waħda ġusta għax kulħadd ikollu l-istess opportunitajiet. Minn naħa l-oħra, ħafna edukaturi indunaw, u dan wara esperimenti xjentifiċi li għalkemm forsi jista' jkun hemm fatturi ereditarji u ġenetiċi, l-intelliġenza hi l-aktar ibbażata fuq l-istimulazzjoni tal-moħħ li jiltaqa' magħha l-individwu fl-esperjenzi tiegħu. Jidher ċar, għalhekk, li meta tifel mill-klassijiet tan-nofs 'il fuq imur l-iskola, ġa jkollu vantaġġ minn dak li ġej mill-klassi tal-ħaddiema, għas-sempliċi raġuni li tal-ewwel ikun tiela' f'ambjent ħafna aktar intellettwalment stimulanti. It-tifel li jkun ġej mill-klassi tal-ħaddiem rari jista' jkollu dan it-tip ta' ambjent, kemm minħabba l-attitudni tal-ġenituri, kif ukoll minħabba nuqqasijiet oħra bħal

finanzi, ġugarelli, familji kbar, nuqqas ta' spazju, dieta ħażina, u komunikazzjoni lingwistika ristretta mal-adulti. Minħabba f'hekk ikun diffiċli ħafna li tifel li ġej minn familja fqira jilħaq l-istess I.Q. daqs tifel tal-klassi medja, għalkemm hemm dubji kbar ħafna ta' kemm huma validi dawn it-testijiet tal-I.Q. Minn mindu jkollu 6 snin jew anqas, it-tifel li kellu l-isfortuna li jkun tela' f'ambjent intellettwalment fqir jiġi ġġudikat u ttimbrat bħala injorant, u mit-fugħ mal-"injoranti sħabu". Jekk jirreżisti u jirribella jista' jit-qies bħala "remedial" jew mitfugħ "is-salvatur".

Tejoristi bħal Bernstein innutaw li ġo familji tal-klassi tal-ħaddiema il-fatt li l-missier ma jkollux responsabbiltà fuq ix-xogħol, nuqqas ta' rispett lejh innifsu u anqas sigurta, ikollu tendenza li jrawwem familja fejn l-awtorità tingħata aktar importanza mill-oriġinalità. Billi f'ambjent bħal dan, ikun hemm nuqqas ta' sti-mulazzjoni krejattiva, it-tifel isibha anqas possibli li jesponi ruħu għall-lingwaġġ tal-klassi medja li għandu livell intellettwali aktar għoli. Dan iwassal biex it-tifel mill-klassi tal-ħaddiema jara biss il-ħtiġijiet strettament immedjati u ma jarax il-bżonn li jagħmel sagrifiċċju biex jeduka ruħu sew. Ma' dan irridu nżidu wkoll li l-medja tal-komunikazzjoni fl-iskola tiffavorixxi l-klassi tan-nofs.

Forma oħra ta' inegwaljanza soċjali f'soċjetà klassista hija dik sesswali, fejn il-mara mistennija tieħu r-"role" ta' mara tad-dar u omm, u sservi bħala seftura tar-raġel u mezz ta' riproduzzjoni, jew li tmur taħdem ġo fabbrika. Mhix ħaġa komuni li n-nisa jieħdu "roles" differenti minn hekk. In-nisa li jaħdmu bħala "teachers", "nurses", u dawk il-ftit ħafna li għandhom karigi importanti huma f'minoranza. U barra minn hekk, ħafna jaħdmu biex iġemmgħu id-dota ħalli jiżżewġu u jaqdu l-għan ewlieni mistenni minnhom ta' mara tad-dar u omm. Is-sistema preżenti ma tantx toffri alternattivi oħra għan-nisa u għalhekk bħat-tfal tal-ħaddiema, in-nisa minn meta jkunu żgħar jitilgħu bi żvantaġġ, meta tqabbilhom mas-subien. Dan l-ewwel nett minħabba l-kultura li jitrawmu fiha, u t-tip ta' ġugarelli li jingħataw u d-distinzjonijiet sesswali li jsiru fl-iskej-jel. Fl-iskejjel tal-bniet insibu aċċenn kbir fuq ix-xjenza domes-tika, il-ħjata, it-tisjir ecc. Il-miżien tas-soċjetà ixaqleb ħafna kontra l-mara li tkun trid tilħaq xi livell intellettwali għoli. Dan minħabba li r-"roles" prinċipali meħtieġa mill-mara ma jirrekjedux livell għoli ta' intelletwalità.

Barra minn hekk, is-sistema edukattiva għandha funzjoni ta' kontroll soċjali li tkompli x-xogħol li jkun ġa beda fil-familja, u tkompli tkattar il-kultura tal-klassi dominanti permezz ta' tagħlim li jippropaga ubbidjenza lejn l-awtorità. Fil-prattika dan ikun ifisser li l-istudent jiġi ikkundizzjonat li jobdi lil min iħaddmu għax dan

jagħmillu l-ġid, jaċċetta l-kompetizzjoni bħala l-unika forma ta' relazzjoni soċjali (jiġifieri jaċċetta l-liġi tal-ġungla) u li min hu "injorant" għandu jiġi kkastigat u relegat għall-aktar postijiet baxxi fil-ġerarkija soċjali.

Kollox ma' kollox, l-iskola fis-sistema edukattiva preżenti, tlesti lil dak li jkun biex meta joħroġ jaċċetta l-ħajja kif inhi, taħbilu r-rejaltijiet tal-ħajja, u biex iservi ta' għodda tajba sabiex isaħħaħ l-"Istatus Quo", kemm jekk l-istudent imur jaħdem fil-fabbrika jew fl-għalqa, kif ukoll jekk isir tabib, għalliem jew politikant.

IS-SEHEM TAL-ISTITUZZJONIJIET TERZJARJI

Dak li ntqal qabel fuq is-sistema edukattiva f'soċjetà klassista jgħodd ukoll għall-istituzzjonijiet terzjarji, għalkemm irridu niċċaraw il-punt illi l-atmosfera intellettwali fl-Università, u sa ċertu punt anki fil-Politeknik, huwa ħafna aktar stimulanti minn dak tal-iskejjel sekondarji u primarji. Dan għaliex sa ċertu punt, f'dawn l-istituzzjonijiet hemm aktar libertà ta' għażla. Wkoll, kif ġeneralment huma immexxija il-"lectures", "seminars" eċċ. jagħti lok għal parteċipazzjoni akbar minn naħa tal-istudent, u b'hekk ikun hemm aktar lok ta' kritika krejattiva. Dan ma jfissirx li l-istudent dejjem qed jieħdu vantaġġ minn dan l-ambjent, u minnhom jikkritikaw is-sistema, kemm minħabba l-interessi li għalihom ikunu daħlu l-Università jew il-Politeknik, kif ukoll minħabba li s-sistema terzjarja tal-edukazzjoni għadha bbażata fuq il-kompetizzjoni, bħal ma hi s-soċjetà generali.

Mill-edukazzjoni terzjarja, l-istudent ikun wasal fl-aħħar tarġiet għas-selezzjoni soċjali meħtieġa għal ġerarkija tas-soċjetà. Minn hawn se joħorġu dawk in-nies le se jservu bħala l-mexxejja idejoloġiċi jew l-amministraturi tas-sistema. Fl-Università ssib studenti li l-biċċa l-kbira minnhom ikunu ġejjin minn "dik is-sezzjoni tal-popolazzjoni li xi soċjoloġiċi kontemporanji jsejħulha l-'piccola borgesia' l-ġdida, jiġifieri dik is-sezzjoni li għalkemm hi sfruttata wkoll mill-kapitali, għax jaħdmu wkoll għall-paga, fl-istess ħin qegħdin jisfruttaw ħaddiema oħra permezz tas-sehem manipulattiv tagħhom fis-soċjetà, l-istatus għoli tagħhom. Barra minn hekk din is-sezzjoni kontrarju għal dawk il-ħaddiema li huma produtturi diretti, qegħdin jiġu fdati bil-funzjoni li jħarsu l-interessi tal-istat u tal-kapital. Sezzjoni bħal din tinkludi burokratiċi, skrivani, managers, għalliema. Barra minn din is-sezzjoni, ħafna studenti jiġu wkoll minn familji fejn il-missier huwa professjonist, jew minn familji għonja. Għalkemm issib xi studenti li jiġu minn familji ta' labourers u bdiewa, dawn huma f'minoranza. Dan minħabba li

r-"recruitment" fl-Università jkun determinat miċ-ċirkostanzi li semmejna qabel, u li kif ġa għidna, jaħdmu kontra ulied il-klassi tal-ħaddiema.

Barra mill-"problemi" marbuta mar-reklutaġġ, hemm ukoll dawk li għandhom x'jaqsmu mal-prodott ta' din is-sistema. Hafna studenti li jidħlu fl-Università u l-politeknik joħorġu minn hemm biex iservu ta' għodda tajba f'idejn is-sistema preżenti, li kif ġa għidna hija waħda kapitalista, biex tiġi eżerċitata eġemonija fuq il-masses. Dan jista' jiġri billi l-gradwati jservu bħala l-mexxejja *intelletwali* li jaħdmu fuq livell idejoloġiku, bħall-politikant, il-qassis, it-tabib tar-raħal, l-avukat ecc. li s-sehem tagħhom ikun li jiġġustifikaw is-sistema kif inhi, skond in-natura tax-xogħol speċifiku tagħhom u permezz ta' tattiċi differenti. Jistgħu iservu wkoll lis-sistema fil-*livell politiku* billi jilħqu postijiet għolja fil-makkinarju tal-Istat jew xi istituzzjonijiet oħra, jew isiru politikanti. Dan is-servizz jista' jingħata wkoll fuq il-*livell ekonomiku*, fejn gradwati jsiru managers, accountants, inġiniera ecc. li jkunu jistgħu jimmanipulaw il-ħaddiema ta' taħthom biex tiżdied il-produzzjoni.

Wieħed josserva li fis-sistema terzjarja preżenti hemm erbgħa fergħat ewlenin li huma, (i) il-fergħa tal-lingwi u l-kultura (ii) il-fergħa tal-ekonomija u management (iii) il-fergħa tax-Xjenza u Teknoloġija (iv) il-fergħa tal-professjonisti (tobba, avukati u periti ecc.) Xi wħud mill-gradwati minn dawn il-fergħat, jidher mill-ewwel li jiġu ttrenjati biex jaqdu lis-sistema biex tissaħħaħ, kif għidna hawn fuq. Hemm oħrajn, li s-sehem tagħhom jista' jidher li hu apolitiku, bħal per eżempju, dawk il-gradwati fix-Xjenza u t-Teknoloġija. Fil-verità imma, dawn, bil-mod passiv li huma jieħdu sehem fl-industrija, xorta jkunu qegħdin isaħħu s-sistema, avolja superfiċjalment ikunu jidhru li huma "detached" mill-proċess politiku.

Għalkemm il-potenzjal għal ħolqien ta' ambjent kritiku u krejattiv potenzjalment jista' jeżisti, dan mhux qed jiġi rejalizżat minħabba t-tip ta' reklutaġġ u l-interessi li jiġu mposti fuq il-gradwati mis-sistema kapitalista. Għalhekk jidher li x'dieħel u ħiereġ fl-edukazzjoni ogħla huwa determinat mill-istruttura soċjali u ekonomika.

Haġa oħra importanti li għandna ninnotaw hi li kull bidla fl-istruttura ekonomika tikkreja relazzjonijiet soċjali ġodda, per eżempju klassijiet dominanti ġodda. Għal din ir-raġuni ikun meħtieġ tip ta' intellettwali ġodda sabiex jamministraw u jikkontrollaw il-massa favur l-interessi tas-sistema li tkun qed tinħoloq. Kif qal Gramsci, "kull grupp soċjali li jitwieled biex jaqdi funzjoni ġdida fil-produzzjoni ekonomika, jikkreja miegħu organikament, strata

jew aktar ta' ntellettwali li jagħtuh sens ta' identità fil-funzjoni tiegħu u għaqda, u dan mhux biss fl-isfera ekonomika, imma wkoll fl-isfera soċjali u politika. Il-kapitalist il-ġdid joħloq miegħu it-tekniku industrijali, l-ispeċjalist fl-ekonomija politika, l-organiż-żaturi ta' kultura ġdida, u l-organiżżaturi ta' sistema legali ġdida, eċċ.

Per eżempju, meta f'Malta bdew deħlin il-fabbriki, fl-aħħar tal-ħamsinijiet u l-bidu tas-sittinijiet, u għalhekk is-sistema ekonomika Maltija bdiet tinbidel, bdiet tinħass il-ħtieġa li jkun hemm bidliet fis-sistema edukattiva, u fl-Università bdew deħlin korsijiet bħal ekonomija u management addattati għal dan it-tibdil. Ma' dan żviluppat kultura ġdida. L-istess ġara meta f'Malta beda jiż-died it-turiżmu bħala aspett importanti tal-ekonomija, meta daħal il-Catering, Hotel Management, kultura ġdida li kissret ċerti taboos. Ukoll, kif qal Gramsci, "mexxejja idejoloġiċi jinħolqu sabiex jippropagaw kultura ġdida li sservi biex issaħħaħ is-sistema ekonomika li kienet qed tiżviluppa".

Dawn l-intellettwali ġodda jsibu oppożizzjoni mill-intellettwali l-antiki, u jinħass il-bżonn li l-intellettwali l-qodma jinbelgħu fis-sistema l-ġdida, jew jiġu mfarrka b'xi mod jew ieħor. Jittieħdu passi wkoll biex jissaħħu u jitrawwmu oħrajn ġodda bħala mexxejja.

Billi hu mill-edukazzjoni terzjarja li dawn l-amministraturi u mexxejja intellettwali ġodda joħorġu, wieħed irid iħares lejn ir-riformi fl-edukazzjoni terzjarja li għandu f'moħħu l-gvern preżenti, f'dan id-dawl. Qed naraw li s-sistema ekonomika Maltija qiegħda f'fażi ta' bidla, u għalhekk tkun meħtieġa bidla fis-soprastruttura sabiex dawn jikkorrispondu mal-bidliet fl-ekonomija. Dawn ir-riformi qed isiru biex jiġu akkomodati dawn il-bidliet, għaliex hija mill-edukazzjoni terzjarja li trid tipproduċi ħafna minn dawn l-amministraturi u mexxejja ġodda.

Din il-ħtieġa ta' bidla fil-ħtiġijiet intellettwali, se twassal għal sitwazzjoni fejn ċerti intellettwali, li kienet tipproduci s-sistema ta' qabel, se jitilfu l-istatus u forsi anki l-impieg potenzjali tagħhom. Dawk l-istudenti li kellhom l-interessi tagħhom fis-sistema li issa qed tiġi mwarrba, qed isibu rwieħhom f'sitwazzjoni ta' inċertezza. B'hekk qed tikber il-possibiltà li jsiru kritiċi tas-sistema ekonomika l-ġdida, u jagħmlu użu mill-ambjent liberali li jista' jeżisti prinċipalment ġo Università sabiex jikkritikaw is-sistema. Huwa għalhekk forsi, li studenti tradizzjonalment konservattivi, qed jeħduha kontra l-"Establishment".

## L-Istudent u x-Xogħol

Wieħed jista' jgħid li hija ħaġa mixtieqa li l-edukazzjoni ter-

zjarja tkun marbuta max-xogħol, għax ix-xogħol ikattar l-esperjenzi ta' dak li jkun qed jistudja u, barra minn hekk, arranġament bħal dan jista' jagħti lok biex xi studenti minn familji foqra jkollhom iċ-ċans ikomplu jistudjaw. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh, imma, li arranġament bħal dan, f'sistema kapitalista, jservi, kif ġa ghidna qabel, biex isaħħaħ is-sistema.

Meta wieħed jitkellem fuq ix-xogħol m'għandux jinsa x-xogħol tal-id. Ix-xoghol manwali ghandu jitqies, mhux biss bħala mezz biex student ikun jaf kif iħossu l-ħaddiem, għax l-għażla tal-istudent dejjem ħa tibqa' aktar wiesgħa minn dik tal-ħaddiem, imma għandna nħarsu lejn ix-xogħol manwali bħala mezz biex nersqu lejn sistema fejn tispiċċa s-separazzjoni bejn ix-xogħol mentali u x-xogħol manwali. Hija f'sistema bħal din fejn ir-rabta bejn il-ħtiġijiet tal-pajjiż u l-edukazzjoni terzjarja tkun tassew waħda f'direzzjoni ġusta.

## Konklużjoni

Hu veru li xi riformi li ġa saru fl-edukazzjoni terzjarja taw ċans lil xi tfal tal-ħaddiema jidħlu l-università u l-politeknik, iżda dawn dejjem kienu relattivament ftit għar-raġunijiet li semmejna. Ir-riformi li hemm f'moħħ il-gvern jistgħu jagħtu l-lok li ftit aktar tfal minn familji batuti jidħlu, iżda mhux ser joffru tibdila radikali, għaliex is-soċjetà klassista xorta se tibqa' tiġi propagata, kif ukoll is-separazzjoni tax-xogħol tal-id u x-xogħol mentali. Meta nitkellmu fuq demokrazija, ma nitkellmux fuq li xi ftit tfal ta' labourers ikollhom iċ-ċans li jsiru avukati, iżda li kulħadd ikun kapaċi jmexxi lilu nnifsu, jiġifieri kulħadd ikollu d-dritt u d-dmir li jilħaq l-ogħla livell intellettwali possibli. Dan jiġifieri li *kulħadd* għandu d-dritt li jkollu edukazzjoni terzjarja.

Huwa veru li hemm bżonn ta' xi tibdiliet fil-curriculum ta' xi suġġetti, iżda x-X.G.S. tħoss li tibdiliet fl-Edukazzjoni għandhom ikunu mmirati lejn il-ġustizzja soċjali, u l-ġustizzja soċjali ma tistax isseħħ f'soċjetà klassista. Għalhekk kull bidla fis-sistema edukattiva għandha timxi id f'id ma' proċess ieħor – dak ta' trans-formazzjoni soċjo-ekonomiku fejn il-klassijiet jinqerdu.